**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Allan Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 87/2015**

**Illum 27 ta' April, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Allan Pace ta' 26 sena iben George u Mary nee' Cefai, mwieled Pieta' nhar it-2 ta' Marzu 1988, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 120488M u residenti Flat 6 Binja 21 ta' Settembru 1964 Entratura A, Triq Dun Frans Camilleri, San Gwann:

Talli nhar l-10 ta' Novembru 2013 ghall-habta ta' bejn id-09:30hrs u 10:20hrs minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni HQZ423 tal-ghamla Nissan Qashqai illi kienet ipparkjata gewwa Triq Napuljun Tagliaferro Pembroke ikkommetta serq ta' basket illi kien fih laptop computer, I pad u flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-mezz, bl-ammont u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Derek Vassallo u jew persuna/i ohra (261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(3) Kap 9);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HQZ423 tal-ghamla Nissan Qashqai liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro

centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Derek Vassallo u jew persuna/i ohra (Art 325(c) Kap 9);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu ricediv, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu, il-fatt li huwa stess iddikjara li lest li jaghmel tajjeb ghal dak li seraq u l-fatt li jirrizulta li l-imputat qabad it-triq li jirriforma ruhu tant li anki sab xoghol u fforma familja.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li huwa aktar opportun li ma tigix imposta piena karcerja izda minflok l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja u direzzjoni sabiex ikompli miexi fit-triq it-tajba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 20, 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2), 325(c), 49 u 50 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' a tenur ta' l-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat ihallas lill-parte leza Derek Vassallo l-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) u dan fi zmien sena millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jottemperax ruhha ma' din is-sentenza.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation.

Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat